**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 433/05VG**

**Marlene Mizzi**

**Vs**

**Onorevoli Ministru Agostino Pio sive Austin Gatt**

**Illum 16 ta' Ottubru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat minn Marlene Mizzi fis-27 ta' Lulju 2005 permezz ta' liema titlob li l-Qorti: (i) tiddikjara li l-intervista intitolata *No prospects for national shipping line* li gie ppubblikata fil-harga ta' The Times ta' l-1 ta' Lulju 2005, annessa bhala Dok. "A" ma' l-Avviz, hija libelluza fil-konfront taghha peress illi malafamanti bil-ghan li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni taghha fit-termini ta' dak li tipprovdi l-Ligi ta' l-Istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) tikkundanna lil Agostino Pio sive Austin Gatt, dak iz-zmien Ministru, ihallasha dik is-somma li tigi stabbilita mill-Qorti li ma teccedix il-hamest elef Lira Maltija, illum ekwivalenti ghal €11,646.87, a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Ligi Dwar l-Istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imghax legali dekoribbli skond il-Ligi u bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat id-dokument markat Dok. "A" anness ma' l-Avviz a fol. 2 tal-process;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) preliminarjament huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi huwa mhux azzjonabbli taht il-Ligi ta' l-Istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, peress illi ma jistax jigi citat la taht l-Artikolu 23 u lanqas that l-Artikolu 24A ta' l-imsemmi Att; (ii) bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, illi t-twegibiet verbali li ta ghall-mistoqsijiet maghmula lilu mill-intervestitatur mhumiex libelluz billi jikkonsistu fl-opinjoni tieghu, imsejha *value judgements* fil-gurisprudenza tal-European Court of Human Rights, li huwa intitolat jesprimi kif garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni

Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk jammontaw ghal *fair comment*;

Semghet ix-xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduti tat-8 ta' Frar 2006[1], tas-7 ta' Ottubru 2010[2] u tat-8 ta' Novembru 2012[3] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "AG1" u Dok. "AG2" a fol. 113[4] u 114 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Steve Mallia moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Frar 2006[5] u x-xhieda ta' l-attrici moghtija waqt is-seduti ta' l-20 ta' April 2006[6] u tas-16 ta' Mejju 2007[7], semghet ix-xhieda ta' Jesmond Saliba moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2007[8] u x-xhieda ta' Martin Bonello Cole moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' April 2009[9], u semghet ix-xhieda ta' Mark Bugeja moghtija waqt is-seduti tad-29 ta' April 2009[10] u tas-17 ta' Frar 2011[11];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut[12] u n-Nota responsiva ta' l-attrici[13] dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta datata 9 ta' Mejju 2008[14] in forza ta' liema l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut giet michuda, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronuncjata fil-12 ta' Dicembru 2008[15];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attrici dwar il-mertu a fol. 146 sa' 149 tal-process u rat in-Nota Responsiva tal-konvenut dwar il-mertu a fol. 151 sa' 155 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

## Ikkunsidrat:

Fil-harga ta' The Times datata l-1 ta' Lulju 2005 giet ippublikata intervista rilaxxata mill-konvenut, dak iz-zmien Ministru, lill-gurnalist Steve Mallia, liema intervista giet intitolata *"No prospects" for national shipping line.* It-tema centrali ta' din l-intervista kienet il-kumpannija Sea Malta, dak iz-zmien tema ta' interess pubbliku, fil-kuntest ta' liema gie trattat u diskuss b'mod

[1] Fol. 13 u 14 tal-process.
[2] Fol. 115 sa' 117 tal-process.
[3] Fol. 142 sa' 145 tal-process.
[4] Dok. "AG1" jinsab mizmum fis-sigrieta tal-Qorti.
[5] Fol. 15 u 16 tal-process.
[6] Fol. 18 u 19 tal-process.
[7] Fol. 26 sa' 28 tal-process.
[8] Fol. 33 u 34 tal-process.
[9] Fol. 96 u 97 tal-process.
[10] Fol. 98 sa' 100 tal-process.
[11] Fol. 123 sa' 127 tal-process.
[12] Fol. 35 sa' 37 tal-process.
[13] Fol. 38 sa' 41 tal-process.
[14] Fol. 48 sa' 59 tal-process.
[15] Fol. 76 sa' 83 tal-process.

piuttost estensiv l-operat ta' l-attrici *qua* Chairperson tas-Sea Malta tul il-perijodu bejn April 1997 u Gunju 2005.

L-intervista bhala fatt bdiet bid-domanda *If Marlene Mizzi was doing so badly at Sea Malta why didn't you sack her earlier?* Ghalkemm ir-risposta tal-konvenut ghal tali domanda kienet *I would not like to go into the personalities issue but I do not believe Marlene Mizzi was doing badly. If I were convinced she was doing badly, I would have sacked her. The problem with Sea Malta is structural, as we've always tried to explain* u ghalkemm in risposta ghall-mistoqisja ulterjuri *you said she wasn't performing badly, yet one of your ministry's statements said the plan which her board of directors was behind would only have raised a few hundred pounds … over four years… That surely is an indication that what she was proposing wasn't satisfactory*, il-konvenut qal *Yes. But that does not mean she was managing badly. There were no prospects for Sea Malta. The basic argument between us and the opposition is that we all seem to believe and agree that Sea Malta needs huge subsidies every year. There is no way to turn it round commercially. Even Ms. Mizzi agrees with this. The whole question is how you effect those subsidies. …* ghall-osservazzjoni ta' l-intervistatur *She* [ossia l-attrici] *said that a capital projection was promised, that the government reneged on that and that it was a case of "taking people for a ride,* il-konvenut irrisponda *I didn't promise her any government injection in the past two and a half years. I have never seen a paper saying that. Actually, there was an allegation in a newspaper last Sunday saying there was. This was denied by Josef Bonnici, who was the minister (for economic services) at the time; it was denied by Mimcol Chairman Ivan Falzon. It was not denied by (the Finance Minister) John Dalli because they couldn't find him. I actually met Mr. Dalli last Monday and he couldn't recollect it at all* u ghall-kumment ta' l-intervistatur *So she's not telling the truth,* il-konvenut baqa' sieket tant illi l-istess intervistatur enfasizza din ir-reazzjoni billi fl-intervista irrimarka *(Silence)*. Dejjem b'referenza ghall-attrici l-intervistatur osserva illi *In an interview with The Times, she also invited you to repeat an accusation you made in Parliament saying that she "squandered" public funds* u l-konvenut irrimarka *I said that under her chairmanship the net asset value, which was Lm1.8 million, has now been reduced to a net asset deficiency of around Lm1.4 million* u ghad-domanda ta' l-intervistatur *So did she, or did she not, squander public funds?* il-konvenut irrisponda *If we go from a positive asset situation of Lm1.8 million to a net deficiency of Lm1.4 million the conclusion is obvious*. Meta l-intervistatur insista *And what is it?* il-konvenut irrisponda *That she lost money; that she went from a net asset position to a net deficiency position.* U meta l-intervistatur kompla jaghfas u staqsa *And that's squandering money?* il-konvenut irrisponda *There are some who would say it's squandering; there are some who say it's normal business losses. Everyone is free to define it as one wants.*

Huwa fir-rigward ta' dawn is-siltiet partikolari ta' l-intervista mal-konvenut ippubblikata fil-harga ta' The Times ta' l-1 ta' Lulju 2005 li l-attrici istitwiet il-

proceduri odjerni stante li tqis li l-istess huma malafamanti fil-konfront taghha u huma intizi li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni taghha. Fix-xhieda li tat waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2007[16], l-attrici ddikjarat li *din l-intervista kienet saret wara l-intervista li kont tajt jiena fil-kapacità tieghi tas-Sea Malta. Dak iz-zmien kont digà irrizenjajt minn tali kariga. Ir-reporter lili kien staqsieni dwar l-akkuza li kien ghamel fil-konfront tieghi l-Ministru Gatt fil-Parlament u cioè kienx veru li jiena kont sparpaljat flus il-poplu. Jiena kont wegibtu li l-Ministru Gatt dak li jghid fil-Parlament huwa kopert bl-immunità parlamentarji u ghalhekk stidintu li jekk kellu xi haga, xi haga fil-konfront tieghi f'dan ir-rigward kellu jghidha barra mill-parametri tal-Parlament. Sussegwentement wara din l-intervista tieghi kienet dehret l-intervista ta' l-Onorevoli Ministru Austin Gatt …… ta' l-1 ta' Lulju 2005. F'dan il-kaz ir-reporter kien differenti minn dak li kien ghamel l-intervista tieghi. … L-Onorevoli Ministru kien wiegeb lil Steve Mallia, li kien ir-reporter tat-Times, illi in poche parole rega' rrepeta dawn l-istess kliem li huwa kien qal fil-Parlamanet. Nixtieq nghid li jiena kopja ta' dak li ntqal fil-Parlament m'ghandix, però dak li ntqal u gie rrapurtat fil-gazzetti ghandi u nghid li l-kliem li ntuzaw kien il-kelma squandering. Fil-fatt meta r-reporter uza din l-istess kelma squandering il-Ministru ma kkoregihx jew ghamel xi kummenti ulterjuri dwarha. Jiena rrizenjajt mill-kariga tieghi ta' Chairman fl-20 ta' Gunju tas-sena 2005. Nghid li meta kont mort effettivament ghand il-Prim' Ministru bir-rizenja tieghi, effettivament jiena kont mort naghti r-rizenja tieghi fit-8 ta' Gunju 2005. Domt nitkellem mal-Prim' Ministru ghal perijodu ta' siegha. Is-suggett kien is-Sea Malta u r-rizenja tieghi. Il-Prim' Ministru talabni hafna biex ma nirrizenjax minn din il-kariga. Fil-fatt irrifjuta li jiehu l-ittra li kienet digà miktuba u qalli li jiena ghandi l-fiducja kollha tieghu u tal-Kabinett. Talabni biex intih ghaxart ijiem zmien biex jipprova jgib is-sitwazzjoni kif konnha tkellimna jien u l-Prim' Ministru. Kienet ghal dik ir-raguni li dakinhar jiena accettajt li nibqa' peress li l-Prim' Ministru kien esprima ruhu li kellu fiducja fija. Naturalment meta tkun tokkupa l-kariga ta' direttur tal-kumpanija jkollok il-fiducja ta' l-impjegati li int se tmexxi tajjeb flushom. B'hekk nghid li direttur huwa fiduciary position. Apparti li jiena kont nokkupa l-kariga ta' Chairman mas-Sea Malta jiena ghandi l-kumpaniji tieghi ta' l-Insurance u direttur tal-Bank of Valletta. Kemm l-insurance company u il-Bank of Valletta huma regolati hafna mill-MFSA. Dan ghaliex huma istituzzjonijiet finanzjarji u ghaldaqstant l-integrità tan-nies li jmexxuhom hija importanti. Biex tigi accettat biex tkun direttur ta' kumpanija ta' l-assigurazzjoni jew bank jew istituzzjoni ohra finanzjarja … tikkonsisti hafna fl-integrità. Jiena bhala direttur tal-kumpanija fejn hobzi jigi wkoll minn zewg directorships ohra, meta l-Ministru qal li jiena sparpaljajt il-flus jiena nhaseb m'hemmx aghar meta inti fdat bi flus ta' kumpanija u jehlilhom. B'hekk il-kumment li ghadda l-Ministru fuq il-professjoni tieghi. Kieku dan kien minnu seta' jkolli riperkussjonijiet koroh ma' l-MFSA fejn lanqas stajt ikolli l-kumpanija tieghi ta' l-insurance u l-*

[16] Fol. 26 sa' 29 tal-process.

*anqas nokkupa l-kariga tieghi ta' direttur mal-Bank of Valletta. Mistoqsija jekk kienx hemm xi nies li avvicinawni u qalu li fehemu din l-intervista bl-istess mod li fhimtha jien, nghid li kien hemm. Fil-fatt qaluli li ma basrux ghalija. Naturalment jiena weggaghtni.*

Il-konvenut jilqa' ghall-ilmenti ta' l-attrici u l-konsegwenti azzjoni taghha fir-rigward ta' l-intervista minnu rilaxxata lil Steve Mallia u pubblikata fil-harga ta' The Times ta' l-1 ta' Lulju 2005, bl-eccezzjoni li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur ta' l-attrici, eccezzjoni din li giet michuda b'decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 9 ta' Mejju 2008[17] u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2008[18], u bl-eccezzjoni fil-mertu li t-twegibiet verbali li ta ghall-mistoqsijiet maghmula lilu mill-intervestitatur mhumiex libelluz billi jikkonsistu fl-opinjoni tieghu, imsejha *value judgements* fil-gurisprudenza tal-European Court of Human Rights, li huwa intitolat jesprimi kif garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk jammontaw ghal *fair comment*.

Fin-Nota Responsiva tieghu dwar il-mertu l-konvenut issottometta, fost affarijiet ohra, li *wiehed ma jistax jiehu zewg versi, wisq anqas frazi minn sentenza wahda minn intervista ta' pagna shiha; u (ii) illi d-diskors pubblikat irid jittiehed u jinqara fl-isfond ta' dak li kien qed jigri fir-retroxena cioè illi l-Gvern kellu politika, taqbel jew ma taqbilx maghha (però ma tistax ma taqbilx billi l-ligijiet ta' l-Unjoni Ewropeja tipprojbixxi sussidju lill-entitajiet kummercjali taghha jekk mhux bil-permess specjali, li tissejjah deroga, tal-Kummissjoni ta' l-UE), illi l-kumpaniji taghha zopop jew jigu likwidati jew jigu privatizzati. Il-frazi u t-titolu li dwarha l-attrici qed ihossha malafamata trid tittiehed fil-kuntest shih ta' dak kollu li inghad fl-intervista u f'din ir-retroxena*[19].

Fir-rigward jigi osservat li huwa principju guridiku assodat in materja li sabiex isir l-ezami ta' l-artikolu jew kitba kontestata *wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali w ordinarju taghhom, u dan ifisser "in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence, with the ordinary man's general knowledge and experience of world affairs, would be likely to understand them", dan jista' jinkludi "any implication or inference which a reasonable reader guided not by any special but only general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word". (Jones v. Skelton (1963) W.L.R. pg. 1371 (P.C.), … jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament mitkuba, izda mill-assjem ta' l-artikolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta' libell, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ippruvati (Onor. Seg. Parlamentari Dr. Joseph Fenech v. Evarist Bartolo nomine – A.C. (JSP) 8 ta' Gunju 1999). Illi dan*

[17] Fol. 48 sa' 59 tal-process.
[18] Fol. 73 sa' 86 tal-process.
[19] Para.3 tan-Nota Responsiva tal-konvenut, fol. 152 tal-process.

*jista' jsir ukoll però permezz ta' 'innuendo' li fil-kawza "G. Strickland v. Goffredo Chretien" (A.C. 12 ta' Frar 1937, XXIX. I. 859) giet imfissra hekk: "il-kelma 'innuendo' tfisser is-sens li l-persuna ingurjata tirrevoka mill-kitba inkriminata u li hija trid li tigi milqugh mill-gudikant". Illi fil-kawza "Il-Pulizija v. Joseph Olivier Munroe" (XXXIII.IV.824) inghad illi: "F'materja ta' ingurija permezz ta' l-istampa l-ingurja tista' tirrizulta permezz ta' 'innuendo'. L-'innuendo' jista' jkun ta' zewg xorta jigifieri: (a) dak li permezz tieghu tigi identifikata l-persuna li ma tkunx issemmiet b'isimha, u (b) dak li permezz tieghu jigi stabbilit is-sens tal-kliem ritenut ingurjuz mill-persuna li tippretendi li giet ingurjata". Illi in oltre sabiex wiehed jasal biex jaghmel dan l-ezami jekk l-artikolu huwiex libelluz jew le wiehed 'ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran. U f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li seta' talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak li jaqra il-qarrej" (Dominic Mintoff v. Thomas Hedley et" – P.A. (W.H 28 ta' Novembru 1953)[20].*

Meta wiehed jaqra l-intervista fl-intier taghha hekk kif ippubblikata fil-harga ta' The Times ta' l-1 ta' Lulju 2005, ma jistax jonqos milli josserva li argument centrali fil-kuntest tad-diskussjoni dwar il-kumpanija Sea Malta u l-istat finanzjarju u l-vjabilità kummercjali taghha, huwa fil-fatt l-operat ta' l-attrici *qua* Chairperson ta' l-imsemmija kumpanija bejn April 1997 sa' Gunju 2005. In effetti dak li l-konvenut ma qalx b'mod dirett dwar l-operat ta' l-attrici jwassal, fil-fehma tal-Qorti, messagg car dwar dak li huwa effettivament ried jghid dwar dan l-istess operat u dwar l-attrici nnifisha. B'hekk altru milli l-attrici qed tiffoka biss fuq frazi wahda fil-kuntest ta' l-intervista kollha kemm hi.

Proprio ghaliex hawn si tratta dwar dak li l-konvenut ma qalx b'mod dirett fil-konfront ta' l-attrici u l-operat taghha *qua* Chairperson tas-Sea Malta biex iwassal dak li effettivament ried jghid dwarha, fin-Nota Responsiva tieghu l-konvenut jipprova jargumenta li *rrizulta mid-dokumenti ezebiti, u b'mod partikolari mill-audited accounts ezibiti illi l-kumpannija kienet qed taghmel telf kull sena, b'eccezzjonijiet zghar u li n-net asset value tal-kumpannija kien tbiddel ghal net asset deficiency; kemm ghaliex il-banek jesigu dan u kemm ghaliex l-Art. 104 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji jipprovdi x'jigri f'cirkostanzi bhal dawn, il-Gvern kien qed johrog Letter of Comfort (ara Dok. AG3 sa' Dok. AG8) kull sena biex jiggarantixxi d-dejn tal-kumpannija. Ghalhekk, mill-punti di vista tal-Gvern li kien qed jissussidja lis-Sea Malta mit-taxxi tal-poplu, kien qed iberbaq flus il-poplu meta jissussidja kumpanija, li skond ir-rapporti ikkummissjonati "il-kumpanija qatt ma tigi operazzjonalment vjabbli ....!". L-intimat, dak iz-zmien Ministru tal-Gvern responsabbli ghas-Sea Malta, kellu kull dritt li jesprimi ruhu kif kien qed jara s-sitwazzjoni l-*

---

[20] L-Onor. Avukat Dr. Louis Galea v. L-Onor. Prim' Ministru Dottor Alfred Sant, Citaz. Nru. 945/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Mejju 2002, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fis-17 ta' Gunju 2005.

*istess Gvern. Ghalih, tissussidja kumpanija li qed titlef il-flus kull sena u li fi ftit snin ikkonvertiet in-net asset value taghha f'net asset deficiency, u li fuq kollox, m'ghandhiex prospetti li tista' ssir vijabbli jammonta ghal tberbiq ta' flus il-poplu. U l-Gvern huwa l-amministratur ta' flus il-poplu. Ghal aktar minn darb fl-intervista (u ghalhekk, qabel gie sottomess illi l-artiklu/intervista irid jinqara fl-interezza tieghu) l-intimat irrepeta illi "Marlene Mizzi was not doing badly. If I were convinced that she was doing badly, I would have sacked her. The problem with Sea Malta is structural, as we've always tried to explain." (l-ewwel risposta fl-intervista); fis-sitt domanda/risposta, l-intimat jerga' jirrepeti: "But that does not mean she was managing badly. There were no prospects for Sea Malta." Ghalhekk il-kliem "squandering of public funds" - li dwarhom saret din il-kawza jrid jinqara u jiftiehem f'dan il-kuntest. L-intimat qatt ma allega "squandering" mill-attrici personalemnt; huwa s-sussidju annwali li qed jinghata lis-Sea Malta minn public funds li jammonta ghall-squandering. L-attrici Marlene Mizzi kienet c-Chairperson tal-kumpannija Sea Malta u huwa ovvju ghal min jaqra l-artiklu/intervista fl-assjem tieghu, illi kien is-sussidju annwali li l-Gvern qed jaghti lis-Sea Malta li kien, fil-fehma ta' l-intimat, tberbiq ta' flus publici. Kieku kienet Marlene Mizzi personalment li berbqet jew messet xi flus tal-kumpannija, certament "she would have benn doing badly", anzi kienet tkun qed tikkommetti rejat. Izda l-intimat kien car, u ma setax kien aktar car, meta wiegeb ghall-ewwel mistoqsija ta' l-intervistatur: ".... but I do not belive Marlene Mizzi was doing badly. If I were convinced she was doing badly, I would have sacked her. The problem with Sea Malta is structural, as we've always tried to explain". It-tberbiq (squandering) kien qed isir mill-kumpannija cerjata minn Marlene Mizzi u mhux minnha personalment. Il-problema ta' Sea Malta kienet wahda strutturali u mhux tal-persuna li kienet, bhala Chairperson, qed tmexxi l-kumpannija; it-tberbiq ta' flejjes pubblici kien konsegwenza ta' din il-problema strutturali u mhux ta' persuna. L-esponenti jistieden lil din il-Qorti taqra l-artiklu/intervista kollu qabel ma tasal ghal decizjoni u jigi sottomess illi, wara dan il-qari ta' l-artiklu/intervista shiha, gahndu jirrizultalha dak li qed jigi sottomess qabel f'dan il-paragrafu. Fit-tlett mistoqsijiet (li jidhru fil-qiegh tat-tielet kolonna u fuq fir-raba' kolonna), titfaccja l-kelma "squandering" - il-kelma li ghaliha oggezzjonat l-attrici. Ir-risposta li ta l-intimat kienet (ripetutament) li "I said that under her chairmanship, the net asset value (of Sea Malta) which was Lm1.8 million has now been reduced to a net asset deficit of around Lm1.4 million". Mistoqsi "And that's squandering of money" wiegeb: "There are some who would say it'ssquandering; there are some who say it's normal business losses. Everyone is free to define it as one wants". Kif qabel gie sottomess, wiehed jiddefinixxi telf rikorrenti skond minn liema punto di vista jhares lejha. Stabbilit illi r-rapport ta' l-awditur li gie ikkummissjonat mill-Gvern jghid illi f'kull wahda mis-seba jew tmein xenarji prospettati, ir-rapport jghid illi "il-kumpannija qatt ma tigi operazzjonalment vjabbli...!". Ghal min qed jaghmel tajjeb ghat-telf rikorrenti (u, skond ir-rapport ta' l-awditur, dan it-telf annwali kien wiehed perpetwu) ta' kumpannija li qatt ma tista' tigi operazzjonalment vijabbli, wiehed ikun qed iberbaq flusu; ghal*

*min mhux ser johrog centezmu ghal dan it-telf rikorrenti u qed jara prospetti tajbin ghal kumpannija, wiehed jista' jsejjahlu 'business losses'. It-telf rikorrenti annwali huwa allegazzjoni ta' fatt u gie ppruvat (u mhux ikkontestat); izda kif wiehed jara tali telf huwa kumment (fis-sentenzi ta' l-European Court of Human Rights - ECHR - jissejjah value judgement)*[21].

Minn qari akkurat ta' l-artiklu/intervista in kwistjoni fl-intier tieghu, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni suggerita mill-konvenut fin-Nota Responsiva tieghu u cioè li dak li qal jew ahjar ma qalx fir-rigward ta' *squandering of money* kien b'referenza ghall-fatt li l-Gvern kien qed ikompli jissussidja bi flus pubblici kumpanija li ma kenitx iktar kummercjalment u operazzjonalment vijabbli. Ghalkemm il-kwistjoni dwar tberbiq ta' flus pubblici qamet fil-kuntest ta' l-operat tal-kumpanija Sea Malta ma hemmx dubju li din il-kwistjoni partikolari kienet qed tigi allaccjata direttament ma' l-operat ta' l-attrici *qua* chairperson tas-Sea Malta. In fatti l-intervistatur staqsa w in segwitu baqa' jinsisti fuq l-istess punt *so did she* [ossia l-attrici] *or did she not, squander public funds?* u dana wara li rrimarka lill-konvenut *in an interview with The Times, she also invited you to repeat an accusation you made in Parliament saying that she "squandered" public funds* u ma hemmx dubju li r-risposti li ta l-konvenut – anke jekk b'dawk l-istess risposti pprova ma jghid xejn wisq izda fl-istess hin qal hafna – kienu direttament diretti lejn l-attrici u l-operat taghha *qua* Chairperson tas-Sea Malta.

Fir-rigward issir referenza ghall-principju li *l-insinwazzjoni hija dik l-ghamla ta' stqarrija li tolqot bis-sahha ta' dak li ma tghidx u li timplika, aktarx ta' xehta negattiva, u mhux bis-sahha ta' dak li tghid. Ghaliex l-innuendo huwa ghamla ta' stqarrija ingurjuza li ssir bi kliem li fih innifsu m'huwiex ingurjuz. Il-qofol ta' l-insinwazzjoni huwa l-ironija*[22], principju dan fil-fehma tal-Qorti japplika sfieq ghall-kaz in ezami.

Il-konvenut jiggustifika dak li qal fir-rigward ta' l-operat ta' l-attrici *qua* Chairperson tas-SeaMalta bl-izkuanti tal-*value judgement* u *fair comment*.

Fir-rigward huwa ormai principju guridiku stabbilit illi *wiehed ghandu kull dritt li jikkummenta, anke b'mod qawwi, dwar fatti, basta li dawk il-fatti jkunu sostanzjalment veri ossia korretti. Huwa veru wkoll li, fil-kuntest tal-politika kif ukoll fil-kuntest ta' materji li jkunu 'of serious public concern' il-marigini u l-latitudini moghtija ghall-kritija hija wahda ferm wiesgha. Kif inghad mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Lingens v. Austria u kif ormai accettat fil-gurisprudenza taghna: "The limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his every word and deed*

[21] Para. 6 sa' 8 tan-Nota Responsiva tal-konvenut, fol. 153 u 154 tal-process.
[22] Onor. Dr. Gavin Gulia v. David Agius et, Citaz. Nru. 1286/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civli fis-27 ta' Settembru 2012, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fit-12 ta' Lulju 2005.

*by both journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance. No doubt Article 10(2) enables the reputation of others – that is to say of all individuals – to be protected, and this protection extends to politicians too* [u zzid tosserva l-Qorti persuni pubblici], *even when they are not acting in their private capacity; but in such cases the requirements of such protection have to be weighed in relation to the interests of open discussion of political issues. ... In the Court's view, a careful distinction needs to be made between facts and value judgement. The existence of facts can be demonstrated, whereas the truth of value-judgments is not susceptible of proof". U kif intqal fil-kawza Gorton v. Australian Broadcasting Commission "It is one thing to comment upon, or criticize, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct"*[23].

B'referenza specifika ghall-kritika li tista' ssir fir-rigward ta' persuna fil-qasam politiku jew pubbliku huwa ormai principju stabbilit ukoll illi *ghal dak li jirrigwarda l-ghamla tal-kritika li ssir, jinghad li wahda mill-forom li tintuza hija l-kumment. Bhalma timplika l-kelma nnifisha, kumment m'huwiex semplici stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li sehh, ukoll jekk tkun tifsira pregudikata jew partiggana. Fil-qasam politiku, imbaghad, il-kumment jista' jkun mahsub biex johloq xkiel jew jaghmel hsara politika lil xi persuna involuta jew biex sahansitra jqanqal disgwid jew tahwid fil-kamp politiku oppost. Illi huwa accettat li jekk il-kumment ikun "gust", ma taqax taht il-pieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwistjoni ta' kummenti li jitqiesu bhala "gusti" hija wahda li taghti lok ghal problemi kbar minhabba li mhix wahda cara. Biex il-kumment ikun wiehed "gust" jehtieg li jkun imsejjes fuq hwejjeg li sostanzjalment sehhew u li jkunu l-fatti shah. Jekk jirrizulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jezisti, ma tkunx tista' tregi aktar id-difiza tal-kumment gust. Il-fatt irid jigi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment gust dwaru, daqskemm tant iehor irid jipprova li s-suggett li dwaru nkiteb tali kumment kien wiehed ta' interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wiehed "gust". Kif jintwera li l-fatti imsemmija jkunu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jigi mistharreg jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom kinitx fil-limiti tal-jedd ta' l-espressjoni hielsa kif imfissra aktar qabel. Illi, fuq kollox, l-artikolu jew ix-xandira li trid tigi mistharrga trid titqieghed fl-isfond ta' l-attwalità u fil-qafas tac-cirkostanzi li tkun saret il-pubblikazzjoni jew xandira li tkun. Illi minkejja maz-zmien il-gurisprudenza zviluppat izjed favur il-libertà ta' l-Istampa, bhala manifestazzjoni tad-dritt fondamentali ta' l-espressjoni hielsa bhala ghodda mehtiega ghall-izvilupp demokratiku tas-socjetà civili, ghadu principju ta' dritt li l-malafama voluta permezz ta' addebiti ta' fatti foloz mahsuba biex inaqqsu l-gieh u l-fama ta' persuna li lejha tkun diretta, baqghet censurabbli u milquta mis-sanzjonijiet tal-ligi.*

[23] Onor. Dr. Gavin Gulia v. David Agius et, App. Nru. 1286/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Lulju 2005.

Minn dawn il-principji ghalhekk johrog car li mod tikkummenta fuq l-istat finanzjajru tas-Sea Malta w anke tikkummenta fuq il-mod ta' tmexxija ta' l-istess kumpanija u mod iehor tattribwixxi jew tinsinwa atti jew nuqqasijiet serji addirittura razenti r-reat kriminali lill-persuna li kienet effettivament inkarigata mit-tmexxija tal-kumpanija, partikolarment meta ma jirrizultawx fatti li jiggustifikaw l-insinwazzjoni ta' tali atti jew nuqqasijiet serji razenti r-reat kriminali.

Ghalkemm il-konvenut jishaq li l-kummenti u l-osservazzjonijiet tieghu fir-rigward ta' l-attrici huma gustifikati ghaliex bbazati fuq fatti effettivament ippruvati, ossia li s-socjetà minn net asset position ta' *Lm1.8 million* spiccat f'net asset deficit ta' *Lm1.4 million*, hekk kif johrog mill-*audited accounts* u l-prospett relattiv esebiti bhala Dok. "AG1" u Dok. "AG2", li jinsinwa li l-attrici berbqet flus pubblici tul it-tmexxija taghha tas-Sea Malta ma jistax jitqies bhala kumment gustifikat u dana billi dan l-addebitu partikolari fir-rigward taghha li, jigi ribadit huwa addirittura huwa razenti r-reat kriminali, ma jinsab ippruvat bl-ebda mod, anzi huwa prattikament eskluz minn Mark Bugeja, partner ta' Grant Thorton, il-kumpanija responsabbli mill-*audit* tas-Sea Malta.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta tad-29 ta' April 2009[24], Mark Bugeja ddikjara li *fl-audit accounts taghna ahna naghtu dikjarazzjoni li l-accounts jaghtu true and fair view tal-qaghda finanzjarja tal-kumpanija per se. Jiena qatt ma kelli problema sabiex ikolli access ghall-kotba tal-kumpanija tas-Sea Malta waqt li l-attrici kienet Chairperson. Dejjem kelli complete access. L-audit kien isir minn team ta' nies li jaqghu tahti. Naturalment jiena kont responsabbli biex nirrivja x-xoghol taghhom. Lanqas l-impjegati tieghi qatt ma sabu xi tfixkil. Naturalment l-access taghna jkun wara li ahna nitolbu dak li ghandna bzonn u naturalment ghal dak li nitolbu nigu moghtija. Mistqosi kemm domna awdituri tas-Sea Malta nghid li bejn wiehed u iehor ghamilt mis-sena 1997 sakemm ghalqet. Kemm damet Chairperson l-attrici mistoqsi jekk nafx b'xi irregolarità li saret nghid li l-auditary reports taghna qatt ma naf li irrappurtajna xejn. L-audit kien fizikament fl-ufficini taghna u ghalhekk kwalsiasi verifika li setghet intalbet kienet tintalab on site u jekk kien hemm xi punti li kellhom jigu diskussi kien ikollna laqghat kemm mall-Bord u kemm mal-Management. Waqt il-laqghet li kien ikollna mal-Bord naturalment konna naghmu diversi mistoqsijiet. Qatt ma kellna xi twegibiet li ma kienux sodisfacenti ghalina. Qatt ma kien hemm xi spiza li ma kinitx tirrifletti l-ircevuti moghtija lilna. Naturalment ahna ma niccekkjawx kollox, nahdmu on a sample basis. Qatt ma rrizultalna li kien hemm xi irregolarità. Jekk ahna jkollna xi evidenza li jkun hemm xi nfiq li mhux relatat mal-kumpanija naturalment l-obbligu taghna li ahna nqajmuha bhala kwistjoni. F'dan ir-rigward qatt ma rrizultalna li sar minn dan. Jekk ahna nindunaw li hemm spiza personali li dahlet fil-kotba tal-kumpanija naturalment ahna nattiraw l-attenzjoni ta' dak li jkun. Però jekk il-kumpanija taghmel nefqa li*

[24] Fol. 98 sa' 100 tal-process.

*tkun approvata mill-Bord u bi proceduri normali ahna ma nikkwestionjawx jekk hijiex gusta jew le. Però naturalment jekk saret nefqa li ma tkunx relatata mal-kumpanija ahna nattiraw l-attenzjoni ta' dak li jkun. Huwa minnu li ahna konna nohorgu management letter kull sena. Nghid li l-iskop ta' din il-management letter hija tali sabiex jekk ikun hemm xi rakkomandazzjoni ghal xi improvement li jista' jsir fl-andament tal-kumpanija, però jekk insibu xi nuqqasijiet li ma jkunux serji bizzejjed li jaffettwaw ... biex inkella insemmuhom fir-rapport principali dawn il-punti johorgu fil-management letter. Nghid li kien hemm xi punti f'xi management letters però x'kienu ezatti dawn il-punti ma niftakarx però qatt ma rrapurtajna lli kien hemm xi squandering.*

Meta rega' xehed waqt is-seduta tas-17 ta' Frar 2011[25], Mark Bugeja ddikjara li *l-attrici saret Chairperson tas-Sea Malta fid-9 ta' April 1997. Is-sena finanzjarja tas-Sea Malta kienet taghlaq fil-31 ta' Marzu ta' kull sena u ghalhekk fil-31 ta' Marzu 1997, is-Sea Malta kellha net assets fil-valur ta' Lm3,334,071 u bhala net current liabilities kien hemm Lm301,742. L-ahhar sett ta' accounts li gew ipprezentati kienu fit-12 ta' Dicembru 2005 meta l-kumpanija marret into liquidation. L-attrici rrizenjat minn Chairperson tas-Sea Malta fl-20 ta' Gunju 2005 u allura f'Marzu 2005 fl-gheluq tas-sena finanzjarja kien hemm dawn il-figuri. Il-figuri kienu net assets saru net liabilitites fil-valur ta' Lm782,299 u allura n-net current liabilitites gew ghall-valur ta' Lm4,455,981. L-istampa li qed juru l-accounts huwa meta s-Sea Malta kellha ammont ta' assi fil-bidu ta' meta bdejna din id-diskussjoni jigifieri Marzu 1997 sa' Marzu 2005 meta kien hemm it-termination sostanzjali fl-assets li kellha s-Sea Malta. In-net assets huma rapprezentati mir-rizervi li kellha s-Sea Malta u dawk maghmulin minn kapital, li sa fejn naf jien tul il-perijodu kollu ma nbidilx, l-ammont ta' share capital li kien inhareg originarjament, plus jew minus il-profitti li kienu saru jigifieri f'dan il-kaz qed nghidu li la l-kapital ma nbidilx, ir-rizultat ta' deterioration kien il-losses li saru tul is-snin. Il-losses naturalment wiehed irid janalizza ghaliex saru: ghandek affarijiet li jista' jkunu gew minhabba s-suq, ghandek affarijiet li accounting wise wiehed irid jaccountja ghalihom per ezempju meta ghandek assets li jkunu bhal tangible assets per ezempju f'dan il-kaz il-vapuri li l-valur taghhom irid jinqata' fuq numru ta' snin skond l-accounting standards u dik id-depriciation tispicca mal-losses.*

Minn din ix-xhieda jirrizulta li ghalkemm huwa minnu li f' Marzu ta' l-1997 il-kumpanija Sea Malta kellha *net current liabilities* ta' Lm301,742 u f'Marzu ta' l-2005 il-kumpanija kellha *net current liabilities* ta' Lm4,455,981, minn imkien ma rrizulta li kien hemm *squandering of public funds* da parte ta' l-attrici u li l-kumpanija Sea Malta spiccat fis-sitwazzjoni li spiccat fiha minhabba *squandering of public funds*. B'hekk fil-fehma tal-Qorti, ir-risposti li l-konvenut ta lil Steve Mallia dwar l-attrici fil-kuntest ta' l-intervista li giet

[25] Fol. 123 sa' 127 tal-process.

ippubblikat fil-harga ta' The Times ta' l-1 ta' Lulju 2005, ma jistghux jitqiesu li huma *value judgement* u *fair comment* izda huma libelluzi u malafamanti fil-konfront taghha.

In kwantu rigwarda l-likwidazzjoni tad-danni pretizi mill-attrici, l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-kaz ta' malafama b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista' minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Peress illi fil-fehma tal-Qorti r-risposti li l-konvenut ta lil Steve Mallia dwar l-attrici fil-kuntest ta' l-intervista li giet ippubblikata fil-harga ta' The Times ta' l-1 ta' Lulju 2005 bit-titolu *"No prospects" for national shipping line* huma libelluzi u malafamenti fil-konfront ta' l-attrici, il-kumpens dovut lill-attrici in linea ta' danni minhabba l-malafama kawzata lilha ghandu jkun fis-somma ta' elf Euro (€1,000).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, ossia l-eccezzjoni fil-mertu, u minflok tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li r-risposti li l-konvenut ta lil Steve Mallia dwar l-attrici fil-kuntest ta' l-intervista li giet ippubblikata fil-harga ta' The Times ta' l-1 ta' Lulju 2005 bit-titolu *"No prospects" for national shipping line* huma libelluzi u malafamenti fil-konfront ta' l-attrici peress li intiz li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni taghha, tillikwida d-danni dovuti lill-attrici a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta fis-somma ta' €1,000 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' €1,000, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk konnessi ma' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut deciza b'sentenza pronuncjata minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Mejju 2008, jibqghu a karigu tal-konvenut.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**